**MINUTI** tal-Laqgħa tal-KPKK tal-Erbgħa, 26 ta' Frar 2025, fis-3.00 p.m., fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana.

**Kienu preżenti:** Dr Wendy Jo Mifsud (President), Rev. André Zaffarese (Segretarju), Mons. Edgar Vella, Ms Daniela Apap Bologna, Ms Maria Grazia Cassar, Patri Ramon Farrugia, Perit David Mallia. **Skużat:** Kan. Nicholas Doublet **Assenti:** Mr Joseph Calleja.

1. **Introduzzjoni.**

2. **Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa ta' 22 ta' Jannar 2025.**
   Il-minuti ġew approvati.

3. **Punti mill-minuti preċedenti:**

1. **P06/2025 - Parroċċa Il-Marsa (Trinità Qaddisa) - Twaqqiegħ tal-Kappella tal-Qalb ta' Ġesu f'Albert Town il-Marsa.**
   Dwar din it-talba saret diskussjoni mill-membri fil-preżenza ta' P. Ivan Scicluna OFMCap. Il-Kummissjoni fehemet li l-kappella mhijiex fi stat tajjeb, iżda jekk hija patrimonju storiku l-Awtorita' ta' l-Ippjanar għandha tipproteġiha. Fir-rigward tan-nuqqas ta' riżorsi biex isir ir-restawr meħtieġ, Ms Maria Grazia Cassar saqsiet jekk il-binja tistax tiġi mibjugħa u b'hekk id-deċiżjoni jekk isirx żvilupp jew le ssir minn sidien ġodda. Dr Wendy Jo Mifsud qalet li huwa mportanti li ssir riċerka fuq l-istorja tal-binja biex jiġi skopert il-valur storiku, kif ukoll ikun hemm aktar informazzjoni dwar l-arkitettura modernista tagħha. Qalet ukoll li hemm bżonn isir *Statement of Significance* mill-aktar fis. Għalhekk ġie ssuġġerit li ssir riċerka u d-deċiżjoni mill-Kummissjoni tittieħed b' mod aktar infurmat, filwaqt li ngħataw dawn l-għażliet:
   1. Il-kappella ma tittwaqqax imma jkun hemm *adaptive reuse*, li ssir dar għal-*homeless*.
   2. Tinżamm il-faċċata modernista tal-kappella u tinbidel l-binja fuq wara biex ssir id-dar.

2. **Ag 09/10/2024 - Prot. N. 267/2024 - Parroċċa Iż-Żurrieq - Restawr tal-faċċata, tat-Torri Puniku u alterazzjonijiet neċessarji oħra fil-binja.**
   Dwar din it-talba Ms Maria Grazia Cassar qalet li taqbel ma' dan il-proġett iżda għandha xi dubji għax fil-pjanta jidher li ser jitwaqqa ħajt u ser jitpoġġa *frame* tal-ħġieġ biex tidher il-binja minn barra. Dr Wendy Jo Mifsud qalet li dan il-proġett irid jiġi studjat sew u li hemm permess ta' l-Awtorita' PA6612/24 li qed jistenna r-rakkomandazzjoni mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Qalet ukoll li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali tinnota li hemm tħassib sinnifikanti. Hi kkuntatjat lil Perit Daniel Darmanin biex titlob aktar informazzjoni, u ġiet infurmata li huwa ltaqa' ma' l-SCH, u qed jaħdem fuq ir-rekwiżiti li għandhom bżonn u qal li l-proposta ser tinbidel. Il-KPKK ser tkun infurmata b'dawn il-proposti alternattivi.

3. **Ag.11/11/2024 - Prot. N. 302/2024 - Parroċċa Ħaż-Żabbar - Manutenzjoni, Restawr u Installazzjoni ta' Dawl Ġdid tal-Koppla tas-Santwarju.**
   Fil-laqgħa tal-KPKK tal-21 ta' Novembru 2024 ġie deċiż li wara li l-KPKK rat id-dokumentazzjoni preżentata, taqbel ma dan il-proġett ta' restawr. Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta. Il KPPK tirrimarka li fl' applikazzjoni li ġiet sottomessa lil l-Awtorita ta' l-Ippjanar ir-*Restoration Method Statement* mhux inkluż. Il-KPKK talbet li r-*Restoration Method Statement* jiġi inkluż fl-applikazzjoni li diġà ġiet sottomessa.
   Il-KPKK irċeviet ir-*Restoration Method Statement* fit-13 ta' Jannar 2025 u dan ġie approvat fil-laqgħa tal-KPKK tas-26 ta' Frar 2025.

4. **P45/2025 - Prot. N. 44/2025 - Parroċċa Il-Birgu (Vittoriosa) - Tindif tal-pedestall tal-fidda tal-vara titulari ta' San Lawrenz L.M.**
   Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, l-KPKK taqbel mal-proġett ta' tindif iżda titlob li qabel jibda x-xogħol jiġi sottomess *Restoration Method Statement* kif ukoll jiġi ngaġġat konservatur b' warrant, konformi ma' Artiklu 56(2) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta, li jirrevedi r-rapport sottomess, jagħti direzzjoni dwar kif għandha tkompli l-proċedura, jgħamel monitoraġġ fuq ix-xogħlijiet kif ukoll għandu jissorvelja u jiċċertifika li x-xogħlijiet saru tajjeb.
   Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. **P47/2025 – Prot. N. 47/2025 - Parroċċa In-Naxxar - Restawr ta' pittura fuq l-artal tar-Rużarju bil-misteri.**
   Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, il-KPKK taqbel ma dan ir-restawr.
   Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. **P46/2025 – Prot. N. 46/2025 - Parroċċa Il-Birgu (Vittoriosa) - Restawr ta' żewġ tili ex-Voto.**
   Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, l-KPKK taqbel ma dan il-proġett ta' restawr.
   Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati,

jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. **P48/2025 – Prot. N. 49/2025 - Parroċċa In-Naxxar - Restawr ta' l-ikona ta' San Pietru.**
   Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, l-KPKK tapprova dan il-proġett ta' restawr bil-kundizzjoni li jsir studju minn storiku ta' l-arti waqt li jkun qed isir ir-restawr, kif ukoll li l-istess persuna tibqa ssegwi x-xogħol flimkien mar-restawratur.
   Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. **P49/2025 - Parroċċa Il-Belt Valletta (SW) - Restawr ta' żewġ kwadri ta' Sidtna Marija Addolorata u l-Ecce Homo.**
   Lil P. Leslie Gatt O.S.A., Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, il-KPKK taqbel ma dan ir-restawr. Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. **P50/2025 - Parroċċa Il-Fgura - Restawr tal-kwadru titulari tal-Knisja, tal-Madonna tal-Karmnu.**
   LIl Rev. Dr Charles Mallia O.Carm., Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, il-KPKK taqbel ma dan ir-restawr. Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. **P51/2025 - Parroċċa Il-Fgura - Restawr ta' l-istatwa ta' San Ġużepp bil-Bambin Ġesù.**
    LIl Rev. Dr Charles Mallia O.Carm., Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, il-KPKK taqbel ma dan ir-restawr. Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. **P52/2025 - Parroċċa Il-Fgura - Restawr ta' l-istatwetti tal-kartapesta li jintramaw quddiem il-kwadru titulari fi żmien il-festa.**
    LIl Rev. Dr Charles Mallia O.Carm., Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, il-KPKK taqbel ma dan ir-restawr. Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-

konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

12. **P53/2025 - Prot. N. 60/2025 - Parroċċa Ħad-Dingli - Estensjoni tal-Proprjeta magħrufa bħala Domus - 1, Triq San Pawl, Ħad-Dingli.**
    Peress li diġa hemm deċiżjoni mill-Amministrazzjoni tal-Kurja rigward dan il-proġett u peress li l-Awtorita' tal-Ippjanar ħarġet il-permess, aħna ma narawx li hemm skop li l-KPKK tgħati l-opinjoni tagħha.

13. **P55/2025 - Parroċċa Raħal Ġdid (Paola KR) - PA/02260/24 - Christ the King Basilca, Pjazza Antoine de Paule, Triq Guze D'Amato/, Triq il-Knisja, Paola.**
    Email mibgħuta lil SCH fis-27 ta' Frar 2025 – Għażiż Sur Mark Anthony Mifsud, Il-KPKK m'għandiex oġġezzjoni dwar dan il-proġett kif hawn fil-pjanti preżentati.

14. **P56/2025 - Prot. N. 67/2025 - Parroċċa San Ġiljan - Proposta għal bust ta' Dun Anton Sciberras.**
    Rigward dan il-proġett il-KPKK ma taqbilx li dan il-bust jitwaħħal mal-ħajt tal-Knisja. Tajjeb li jinstab post aktar adattat u ma jkunx mwaħħal b' ebda mod mal-ħitan eżistenti.

15. **P57/2025 - Parroċċa Tal-Pietà - Lapida ta' tifkira.**
    Lil Fr. Joseph Zahra O.P., Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, l-KPKK taqbel ma dan il-proġett.

16. **P58/2025 - Prot. N. 73/2025 - Parroċċa Ħal Qormi (SB) - Restawr u konservazzjoni ta' pittura tal-Madonna tar-Rużarju.**
    Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, l-KPKK taqbel ma dan il-proġett ta' restawr u konservazzjoni.
    Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

17. **P59/2025 - Prot. N. 74/2025 - Kurja ta' l-Arċisqof, il-Furjana - Restawr tal-pittura ta' Favraj li turi l-Gran Mastru Manoel Pinto de Fonseca.**
    Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, l-KPKK taqbel ma dan il-proġett ta' restawr.
    Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

18. **P60/2025 - Parroċċa Santa Venera - Installazzjoni ta' A/C u ċaqlieq ta' żewġ tankijiet ta' l-ilma ġewwa l-Kunvent tal-Karmnu ta' Santa Venera.**
    Lil Rev. Dr. Charles Mallia O.Carm, Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, l-KPKK taqbel ma dan il-proġett, iżda titlob li t-tankijiet ta' l-ilma jiġu miżbugħa *stone color*.

19. **P61/2025 - Parroċċa Il-Mosta PA/00461/25-Mosta Basilica, Pjazza tar-Rotunda, Mosta.**
    Email sent on 27.02.2025 to SCH. Dear Ms Maria Serpina, The CCHC is in favour of this project, in principle. More information is however required to properly assess the case. Specifically, the CCHC is requesting a written justification for the installation of the raised flooring, sections through key zones across the proposed area to be floored, and detailed drawings of the design of the raised flooring showing also its connection to the existing floor. This is to include the material of each element of the flooring with due consideration for the preservation of the existing historic fabric.

20. **P63/2025 - Parroċċa Tas-Sliema (SC) - DN/00220/25 - Triq Dun Pawl Vella, Sliema (Sacro Cuor Parish Church parvis).**
    Email sent to SCH on 27 February 2025. KPKK has no objection to the proposed works.

21. **P64/2025 - Parroċċa Santa Venera - O.Carm - Talba għal permess adattament tas-sala.**
    Lil Rev. Dr. Charles Mallia O.Carm, Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, l-KPKK taqbel ma dan il-proġett.

22. **P65/2025 - Prot. N. 80/2025 Parroċċa L-Imqabba - Xogħol ta' Manutenzjoni fuq it-tmien altari tal-Knisja parrokkjali.**
    Il-KPKK tixtieq li jkollha ritratti u informazzjoni aktar dettaljata fuq l-interventi li ser isiru qabel ma t' għati r-relazzjoni tagħha.

23. **P66/2025 - Damages occurring at property next door to Franciscan Conventual Friary -Kunvent San Franġisk 290, Triq ir-Republika.**
    Lil P. Colin Charles Sammut OFM Conv., Il-KPKK tirrakkomanda li ma jingħatax permess biex isir aktar xogħol fuq il-ħajt tal-kunvent.
    Il-KPKK qed tenfasizza li l-Kunvent Franġiskan Konventwali huwa bini ta' valur storiku kbir, u tinnota b' dipjaċir li l-propjetà diġà saritilha l-ħsara. Il-Kummissjoni tisħaq li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għal kwalunkwe żvilupp fl-appoġġi tal-Kunvent li jista' jikkawża xi ħsara barra minn dik li diġa saret, sewwa jekk minn tħaffir fil-ħitan jew xi intervent ieħor. Jekk applikazzjoni għal permess ta' żvilupp tiġi sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar, il-KPKK għandha tinżamm infurmata b'dan.

24. **P67/2025 - Parroċċa tal-Manikata -Żvilupp ta' rampa għall-parkeġġ fejn il-Knisja.**
Wara diskussjoni l-KPKK titlob li jew jitreġġa lura l-intervent li sar jew li ssir proposta alternattiva biex isiru x-xogħlijiet meħtieġa.

Il-laqgħa ntemmet fl-5:30pm.

Dr Wendy Jo Mifsud
President

Rev. Dr André Zaffarese
Segretarju